MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2562/2000/1

Ivan **FORMOSA**

vs

Joe **MIKALLEF** u Michael Caruana

**Il-Qorti:**

Dan huwa Degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-20 ta' Frar, 2002[1], biex it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minnu waqt is-smigħ tal-11 ta' Frar, 2002[2], titneħħa mill-atti tal-kawża;

Għal din it-talba, l-avukat tal-imħarrkin oppona, u dan għar-raġunijiet imsemmijin minnu fil-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Mejju, 2003;

Illi l-ilment li wassal lill-attur biex jitlob it-tneħħija mill-atti tax-xhieda tiegħu jikkonsisti fil-fatt li, dak inhar li ittella' jixhed, dan sar fuq talba tal-parti mħarrka u mingħajr ma kellu miegħu lill-avukat difensur;

L-imħarrek jgħid li dak li sar kien sewwa u bil-liġi u, fuq kollox, kienet il-Qorti nnifisha li ħalliet li dan isir;

Illi joħroġ mill-verbali u l-atti proċesswali li l-kawża kienet tħalliet għall-11 ta' Frar, 2002, għall-provi tal-attur. Jidher ukoll li dakinhar, meta ssejħet il-kawża l-attur kien deher waħdu blama kien mgħejjun minn avukat. Jirriżulta wkoll li ttella' jixhed in subizzjoni fuq talba tal-parti mħarrka;

Illi ma hemmx dubju li dak li sar fl-imsemmija data seħħ bir-rieda tal-Qorti li dak inhar kienet qegħda tippresjiedi l-kawża. Għalkemm ma hemmx raġuni mogħtija fil-verbal tas-smigħ, m'għandux jiġi dubitat li l-Qorti dakinhar

[1] L-oriġinal ta' liema ma jinsabx fil-proċess u kien tressaq ieħor minfloku waqt is-smigħ tat-13.5.2003, f'paġ. 44 tal-proċess
[2] Paġġ. 37-8 tal-proċess

kellha raġuni siewja għaliex ippermettiet li l-attur jittella' jixhed fuq sejħa tal-parti mħarrka. Dak inhar, il-liġi kienet tippermetti li jsir hekk[3];

Illi, min-naħa l-oħra, l-attur jilmenta li seta' ttieħed vantaġġ mill-fatt li huwa ma kienx mgħejjun minn avukat meta ta x-xhieda tiegħu. Kemm hu hekk, f'parti mill-imsemmija traskrizzjoni (li ttieħdet b'reġistrazzjoni diretta), l-attur jirrimarka li l-avukat tiegħu ma kienx hemm;

Illi, madankollu, kif sewwa qal l-imħarrek, imkien ma jingħad fil-liġi li parti f'kawża għandha tixhed bl-avukat tagħha ħdejha u daqstant minnu wkoll li l-fatti maħlufa li parti tixhed ma jiddependux minn jekk l-avukat tal-fiduċja tagħha jkunx ħdejha jew le. L-attur innifsu ma jilmintax, fir-rikors tiegħu, li ġie mġiegħel jgħid xi ħaġa li ma riedx, li tqiegħed il-kliem f'ħalqu jew li ġiet reġistrata xi ħaġa li ma qalx. L-ilment li jsejjes it-talba hu li l-kawża kienet imħollija għall-provi tal-attur u mhux għall-provi tal-parti mħarrka, u li x-xhieda ngħatat mhux fil-preżenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu;

Illi, għalkemm il-Qorti tara li ċirkostanzi bħal dawn jistgħu jnisslu xi problemi fil-mixi 'l quddiem ta' kawża, ma jista' bl-ebda mod jingħad li dak li sar waqt is-smigħ tal-11 ta' Frar, 2002, kien kontra l-proċedura jew kontra dak li tgħid il-liġi. Lanqas ma ntwera li dak li sar tellef lill-attur mill-jedd tiegħu li jressaq il-każ tiegħu kif imiss. Kif ingħad qabel, il-Qorti ma tħossx li hija f'qagħda li tifli x'seta' kien il-ħsieb tal-ġudikant meta ħalla lill-attur jittella' jixhed mill-parti mħarrka. Madankollu, l-ħsieb li qegħda żżomm quddiem għajnejha fl-għoti ta' dan il-provvediment huwa biss dak li tqis l-ilment tal-attur mil-lenti purament ritwali tal-proċedura stabilita. Minn din il-perspettiva, ma tirriżultax raġuni tajba biex twassalha tordna t-tneħħija tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attur mill-atti tal-kawża;

[3] Art. 203 tal-Kap 12 (imħassar bl-Att XXXI tal-2002, b'effett mill-1 ta' Diċembru, 2003)

Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba tal-attur m'hijiex qegħda tiġi milqugha.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------